



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2011/2037(INI)**

28.3.2011

# **EMENDI 1 - 120**

**Abbozz ta' rapport  
Antonio Masip Hidalgo  
(PE460.675v01-00)**

dwar il-politika tal-awditjar; lezzjonijiet mill-kriżi  
(2011/2037(INI))

Rapporteur għal opinjoni (\*):

Kay Swinburne, Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

(\*): Proċedura b' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

AM\_Com\_NonLegReport

**Emenda 1**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa A (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***A. billi l-kriżi finanzjarja reċenti tefgħat  
dubju fuq ix-xogħol tal-awdituri,***

Or. es

**Emenda 2**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa B (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***B. billi l-awditjar ta' kwalità huwa  
fundamentali għall-istabilità ekonomika u  
l-fiduċja tas-suq, ladarba jipprovdi  
garanziji rigward is-saħħa finanzjarja  
ġenwina tal-kumpaniji,***

Or. es

**Emenda 3**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa C (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***C. billi l-indipendenza tal-awditur  
għandha parti fundamentali fil-kwalità  
tal-awditjar,***

Or. es

**Emenda 4**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa D (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***D. billi, konsegwentement, jeħtieġ li jtnieda mill-ġdid dibattitu fil-fond dwar il-funzjoni tal-awditur u l-istruttura tas-suq tal-awditjar,***

Or. es

**Emenda 5**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***1a. Jilqa' l-kwistjoni fundamentali li tqajmet fil-Ktiba l-Ħadra, jġifieri kif l-awditjat jista' jittejjeb, għalkemm fil-passat ma kien hemm l-ebda prova serja li tindika li l-awditjar ma sarx skont ir-regoli u r-rekwiżiti rilevanti;***

Or. de

**Emenda 6**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

2. Huwa tal-fehma li d-dibattitu dwar il-funzjoni tal-awditur irid ikun parallel ma' ***reviżjoni*** tal-funzjoni tal-kumitat tal-

2. Huwa tal-fehma li d-dibattitu dwar il-funzjoni tal-awditur irid ikun parallel ma' ***tisħiħ*** tal-funzjoni tal-kumitat tal-awditjar,

awditjar, li illum bilkemm hu effikaċi, kif ukoll tal-informazzjoni finanzjarja u dwar ir-riskju li l-impriżi jridu jipprovdu,

li illum bilkemm hu effikaċi, kif ukoll tal-informazzjoni finanzjarja u dwar ir-riskju li l-impriżi jridu jipprovdu,

Or. de

**Emenda 7**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Huwa tal-fehma li d-dibattitu dwar il-funzjoni tal-awditur irid ikun parallel ma' reviżjoni tal-funzjoni tal-kumitat tal-awditjar, **li illum bilkemm hu effikaċi**, kif ukoll tal-informazzjoni finanzjarja u dwar ir-riskju li l-impriżi jridu jipprovdu,

*Emenda*

2. Huwa tal-fehma li d-dibattitu dwar il-funzjoni tal-awditur irid ikun parallel ma' reviżjoni tal-funzjoni tal-kumitat tal-awditjar kif ukoll tal-informazzjoni finanzjarja u dwar ir-riskju li l-impriżi jridu jipprovdu,

Or. en

**Emenda 8**  
**Alexandra Thein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**2a. Huwa tal-fehma li l-awditur, fejn dak ir-rwol huwa wieħed statutorju, għandu jinħatar mill-kumitat tal-awditjaru mhux mill-bord tal-kumpannija li qed issirilha l-verifika, u f'dan ir-rigward jaħseb li tal-anqas nofs il-membri tal-kumitat tal-awditjar għandu jkollhom esperjenza ta' kontabilità u awditjar; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jieħu passi biex jiżgura li l-awditur ikun indipendenti, b'mod partikolari fid-dawl ta' kwalunkwe servizzi ta' konsulenza li l-awditur jipprovdi jew joffri li jipprovdi;**

*Emenda*

**Emenda 9**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**2a. Huwa tal-fehma li l-awditur għandu jinħatar mill-kumitat tal-awditjar u mhux mill-bord tal-kumpanija lli qed issirilha l-verifika;**

**Emenda 10**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

3. Ifakkar lill-Kummissjoni fil-ħtieġa li tagħmel evalwazzjoni tal-impatt wiesgħa u komprensiva li tanalizza d-diversi għażliet politiċi **u** tkun iċċentrata fuq il-kwistjonijiet prattiċi skont il-prinċipji tat-‘tfassil aħjar tal-liġijiet’:

3. **Għadu mhux qed jara bażi suffiċjenti għal evalwazzjoni, u għalhekk** ifakkar lill-Kummissjoni fil-ħtieġa li tagħmel evalwazzjoni tal-impatt wiesgħa u komprensiva li tanalizza d-diversi għażliet politiċi, tkun iċċentrata fuq il-kwistjonijiet prattiċi skont il-prinċipji tat-‘tfassil aħjar tal-liġijiet’ **u tanalizza l-importanza tal-kontabilità fil-provvediment ta’ informazzjoni preċiża dwar l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-kumpaniji;**

## Emenda 11

Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 3

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Ifakkar lill-Kummissjoni fil-ħtieġa li tagħmel evalwazzjoni tal-impatt wiesgħa u komprensiva li tanalizza d-diversi għażliet politiċi u tkun iċċentrata fuq il-kwistjonijiet prattiċi skont il-prinċipji tat-‘tfassil aħjar tal-liġijiet’:

#### *Emenda*

3. Ifakkar lill-Kummissjoni fil-ħtieġa li tagħmel evalwazzjoni tal-impatt wiesgħa u komprensiva li tanalizza d-diversi għażliet politiċi u tkun iċċentrata fuq il-kwistjonijiet prattiċi skont il-prinċipji tat-‘tfassil aħjar tal-liġijiet’ ***u inkluża analiżi ta’ gruppi ta’ interess sabiex tkun iċċarata s-segmentazzjoni tal-istudju ta’ evalwazzjoni tal-impatt għall-gruppi varji bħall-SMEs, l-istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament importanti (SIFIs) u kumpaniji oħra elenkati u mhux elenkati; huwa tal-fehma li għandha ssir evalwazzjoni tal-impatt fuq l-utenti tar-rapporti talawditjar, bħall-investituri u r-regolaturi SIFI; jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza l-valur miżjud iġġenerat kemm mir-regolament propost u kemm mill-armonizzazzjoni progressiva tal-istandards tal-awditjar u l-prattiki fus-suq uniku Ewropew;***

Or. es

## Emenda 12

Toine Manders

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 3

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Ifakkar lill-Kummissjoni fil-ħtieġa ***li tagħmel*** evalwazzjoni tal-impatt wiesgħa u komprensiva li tanalizza d-diversi għażliet politiċi u tkun iċċentrata fuq il-kwistjonijiet prattiċi skont il-prinċipji tat-‘tfassil aħjar tal-liġijiet’:

#### *Emenda*

3. Ifakkar lill-Kummissjoni fil-ħtieġa ***ta’ iktar użu mir-regolamenti u ta’*** evalwazzjoni tal-impatt wiesgħa u komprensiva li tanalizza d-diversi għażliet politiċi u tkun iċċentrata fuq il-kwistjonijiet prattiċi skont il-prinċipji tat-‘tfassil aħjar

tal-liġijiet’:

Or. nl

**Emenda 13**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***3a. Jilqa’r-rikonoxximent tal-  
proporzjonalità fil-Ktiba Ħadra.***

Or. en

**Emenda 14**  
**Toine Manders**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***3a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni l-ewwel biex  
tirrevedi r-regoli u l-miżuri eżistenti, u  
taġġustahom u ttejjibhom fejn meħtieġ,  
qabel ma tintroduċi regoli u miżuri  
ġodda;***

Or. nl

**Emenda 15**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

4. Iqis li l-awditjar legali għandu funzjoni

4. Iqis li l-awditjar legali għandu funzjoni



soċjali u jservi l-interess pubbliku, għaliex huwa komponent assolutament fundamentali tas-sistema *ekonomiku u politiku demokratiku*;

soċjali u jservi l-interess pubbliku, għaliex huwa komponent assolutament fundamentali tas-sistema *ekonomika u politika libera, miftuħa u demokratika*;

Or. en

## **Emenda 16** **Syed Kamall**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 4**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Iqis li l-awditjar legali għandu funzjoni soċjali u jservi l-interess pubbliku, għaliex huwa komponent ***assolutament fundamentali*** tas-sistema *ekonomiku u politiku demokratiku*;

#### *Emenda*

4. Iqis li l-awditjar legali ***tal-kumpaniji/entitajiet ta' interess pubbliku*** għandu funzjoni soċjali u jservi l-interess pubbliku, għaliex huwa komponent ***utli*** tas-sistema *ekonomika u politika demokratika*;

Or. en

## **Emenda 17** **Kurt Lechner**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 5**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

5. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-prinċipju li l-konklużjonijiet tar-rapport tal-awditjar għandhom jenfasizzaw is-sustanza iktar milli l-forma;

#### *Emenda*

5. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-prinċipju li l-konklużjonijiet tar-rapport tal-awditjar għandhom jenfasizzaw is-sustanza iktar milli l-forma. ***Konsegwentement, il-konklużjonijiet jeħtieġ li jkunu ċari u konċiżi u għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet kollha li huma parti mill-missjoni legali tal-awditur***;

Or. en

**Emenda 18**  
**Alexandra Thein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

5. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-prinċipju li l-konklużjonijiet tar-rapport tal-awditjar għandhom jenfasizzaw is-sustanza iktar milli l-forma;

*Emenda*

5. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-prinċipju li l-konklużjonijiet tar-rapport tal-awditjar għandhom jenfasizzaw is-sustanza iktar milli l-forma; ***huwa tal-fehma li dawk il-konklużjonijiet għandhom għalhekk ikunu ċari u dettaljati u jindirizzaw l-aspetti kollha tal-mandat statutorju tal-awditur;***

Or. de

**Emenda 19**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***5a. Jinnota li jista' jkun hemm responsabilità potenzjali marbuta mal-provvediment ta' informazzjoni addizzjonali barra minn dik meħtieġa mir-regolament; madankollu jemmen li s-soċjetà titlob li l-awdituri jkollhom responsabilità b'viżjoni kemm għall-futur u kemm għas-soċjetà in ġenerali, speċjalment fir-rigward ta' korporazzjonijiet kbar u sistemikament rilevanti; informazzjoni li hija fl-interess pubbliku disponibbli għall-awdituri dwar ir-riskju, operazzjonijiet barra mill-karta tal-bilanċ jew riskji potenzjali futuri għandha dejjem tkun żvelata lir-regolaturi u fil-parti l-kbira taċ-ċirkustanzi titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;***

*Emenda*

**Emenda 20**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5 b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**5b. Jissuġġerixxi li l-awdituri għandhom jieħdu sehem f'evalwazzjonijiet ta' kontrolli u riskji speċifiċi li jaffetwaw l-industrija kollha jew settorjali, u josserva li dawn għandhom ikunu eżerċitati b'mod proporzjonali u mhux imposti fuq in-negozji ż-żgħar;**

**Emenda 21**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

6. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja kif ***il-missjoni tal-awditur tista' titwessa' biex tinkludi l-awditjar*** tal-informazzjoni relattiva għar-riskju ***mressqa*** mill-entità li qed issirilha l-verifika, ***mingħajr ma tkun ittraskurata l-verifika tal-informazzjoni pprovduta fl-istati finanzjarji prinċipali***;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja kif ***iżżid il-kwalità*** tal-informazzjoni relattiva għar-riskju ***prodotta*** mill-entità li qed issirilha l-verifika;

**Emenda 22**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja kif il-missjoni tal-awditur tista' titwessa' biex tinkludi l-awditjar tal-informazzjoni relattiva għar-riskju mressqa mill-entità li qed issirilha l-verifika, mingħajr ma tkun ittraskurata l-verifika tal-informazzjoni pprovduta fl-istati finanzjarji prinċipali;

*Emenda*

6. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja kif il-missjoni tal-awditur tista' titwessa' biex tinkludi l-awditjar tal-informazzjoni relattiva għar-riskju mressqa mill-entità li qed issirilha l-verifika, mingħajr ma tkun ittraskurata l-verifika tal-informazzjoni pprovduta fl-istati finanzjarji prinċipali; ***jirrakkomanda li l-awdituri jkunu informati dwar id-drabi kollha fejn il-kumitat dwar ir-riskju kien injorat.***

Or. en

**Emenda 23**  
**Alexandra Thein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja kif il-missjoni tal-awditur tista' titwessa' biex tinkludi l-awditjar tal-informazzjoni relattiva għar-riskju mressqa mill-entità li qed issirilha l-verifika, mingħajr ma tkun ittraskurata l-verifika tal-informazzjoni pprovduta fl-istati finanzjarji prinċipali;

*Emenda*

6. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja kif il-missjoni tal-awditur tista' titwessa' biex tinkludi l-awditjar tal-informazzjoni relattiva għar-riskju mressqa mill-entità li qed issirilha l-verifika, mingħajr ma tkun ittraskurata l-verifika tal-informazzjoni pprovduta fl-istati finanzjarji prinċipali; ***takes the view that if that role is expanded the implications for the auditor's liability should be taken into account;***

Or. de

**Emenda 24**  
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jemmen li l-awditur għandu **jkollu l-obbligu** li jiġbed l-attenzjoni tas-superviżur jew l-awtorità kompetenti fil-każ li jinduna b'diffikultajiet li jistgħu jipperikolaw l-istabilità tal-entità li qed issirilha l-verifika;

*Emenda*

7. Jemmen li l-awditur għandu **jkollu d-dritt** li jiġbed l-attenzjoni tas-superviżur jew l-awtorità kompetenti fil-każ li jinduna b'diffikultajiet li jistgħu jipperikolaw l-istabilità tal-entità li qed issirilha l-verifika;

Or. ro

**Emenda 25**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jemmen li l-awditur għandu jkollu l-obbligu li jiġbed l-attenzjoni **tas-superviżur jew l-awtorità kompetenti** fil-każ **li jinduna** b'diffikultajiet **li jistgħu jipperikolaw l-istabilità** tal-entità li qed issirilha l-verifika;

*Emenda*

7. Jemmen li l-awditur għandu jkollu l-obbligu li jiġbed **immedjatament** l-attenzjoni **tad-diretturi ta' entità, u tal-awtoritajiet regolatorji kif ikun xieraq, jekk** jinduna b'diffikultajiet **jew irregolaritajiet li huma ta' theddida imminenti li jistgħu jipperikolaw il-futur ta' suċċess** tal-entità li qed issirilha l-verifika;

Or. en

**Emenda 26**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jemmen li l-awditur għandu **jkollu l-obbligu li** jiġbed l-attenzjoni tas-superviżur jew l-awtorità kompetenti fil-każ li jinduna b'diffikultajiet li jistgħu jipperikolaw l-istabilità tal-entità li qed issirilha l-verifika;

*Emenda*

7. Jemmen li l-awditur għandu **jkun suġġett għall-Kodiċi ta' Prattika li skont it-termini tiegħu huwa** jiġbed l-attenzjoni tas-superviżur jew l-awtorità kompetenti fil-każ li jinduna b'diffikultajiet li jistgħu

jipperikolaw l-istabilità tal-entità li qed  
issirilha l-verifika;

Or. en

**Emenda 27**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jemmen li l-awditur għandu jkollu l-obbligu li jiġbed l-attenzjoni tas-superviżur jew l-awtorità kompetenti fil-każ li jinduna b'diffikultajiet li jistgħu jipperikolaw l-istabilità tal-entità li qed issirilha l-verifika;

*Emenda*

7. Jemmen li l-awditur għandu jkollu l-obbligu li jiġbed l-attenzjoni tas-superviżur jew l-awtorità kompetenti fil-każ li jinduna b'diffikultajiet li jistgħu jipperikolaw l-istabilità tal-entità li qed issirilha l-verifika;  
***jirrakkomanda li jsiru laqgħat bilaterali bejn l-awdituri u s-superviżuri ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar;***

Or. en

**Emenda 28**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Huwa tal-fehma li rapporti ta' verifika għandhom ikunu qosra b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż, ***akkumpanjati minn anness li jinkludi*** spjegazzjonijiet komplementari dwar kwistjonijiet ġenerali, bħall-metodoloġija li ntużat, u konkreti, ***bħall-indikaturi*** fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li ngħataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltqa' magħhom

*Emenda*

8. Huwa tal-fehma li rapporti ta' verifika għandhom ikunu qosra b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż; ***iqis li l-awditur għandu jipprova lill-kumitat tal-awditjar bi*** spjegazzjonijiet komplementari dwar kwistjonijiet ġenerali, bħall-metodoloġija li ntużat ***fit-fassil tal-karta tal-bilanċ***, u konkreti, ***bħall-pereżempju indikaturi*** fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li

waqt it-twettiq ta' xogħlu;

ngħataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltaqa' magħhom waqt it-twettiq ta' xogħlu;

Or. de

**Emenda 29**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Huwa tal-fehma li **rapporti** ta' verifika **għandhom ikunu qosra** b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż, **akkumpanjati minn anness li jinkludi** spjegazzjonijiet komplementari dwar kwistjonijiet ġenerali, bħall-metodoloġija li ntużat, u konkreti, bħall-indikaturi fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li ngħataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltaqa' magħhom waqt it-twettiq ta' xogħlu;

*Emenda*

8. Huwa tal-fehma li ***l-parti ewlenija tar-rapport*** ta' verifika **għandha tkun qasira** b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż, **waqt li** spjegazzjonijiet komplementari dwar kwistjonijiet ġenerali, bħall-metodoloġija li ntużat, u konkreti, bħall-indikaturi fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li ngħataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltaqa' magħhom waqt it-twettiq ta' xogħlu **għandhom ikunu fil-forma ta' annessi**;

Or. en

**Emenda 30**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Huwa tal-fehma li rapporti ta' verifika għandhom ikunu qosra b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż, **akkumpanjati minn anness** li jinkludi **spjegazzjonijiet** komplementari dwar kwistjonijiet ġenerali,

*Emenda*

8. Huwa tal-fehma li rapporti ta' verifika għandhom ikunu qosra b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż, **u li għandu jkun ir-rapport tal-kumitat tal-awditjar** li jinkludi **informazzjoni** komplementari

bħall-metodoloġija li ntużat, u konkreti, bħall-indikaturi fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li nġhataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltaqa' magħhom waqt it-twettiq ta' xogħlu;

dwar kwistjonijiet ġenerali, bħall-metodoloġija li ntużat, u konkreti, bħall-indikaturi fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li nġhataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltaqa' magħhom waqt it-twettiq ta' xogħlu;

Or. en

### **Emenda 31** **Alexandra Thein**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 8**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Huwa tal-fehma li rapporti ta' verifika għandhom ikunu qosra b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż, akkumpanjati minn anness li jinkludi spjegazzjonijiet komplementari dwar kwistjonijiet ġenerali, bħall-metodoloġija li ntużat, u konkreti, bħall-indikaturi fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li nġhataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltaqa' magħhom waqt it-twettiq ta' xogħlu;

##### *Emenda*

8. Huwa tal-fehma li rapporti ta' verifika għandhom ikunu qosra b'konklużjonijiet espressi b'mod ċar u konċiż, akkumpanjati minn anness li jinkludi spjegazzjonijiet komplementari dwar kwistjonijiet ġenerali, bħall-metodoloġija li ntużat, u konkreti, bħall-indikaturi fundamentali, ċifri ta' importanza relattiva, evalwazzjoni tar-riskju inerenti fl-istimi tal-kontabilità sinifikanti jew opinjonijiet sinifikanti li nġhataw, kif ukoll fuq il-problemi partikulari li l-awditur iltaqa' magħhom waqt it-twettiq ta' xogħlu; ***huwa tal-fehma li l-prinċipju ta' rappurtar differenzjat - skont id-destinatarji - għandu jkun osservat;***

Or. de

### **Emenda 32** **Sharon Bowles**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 8 a (ġdid)**



*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8a. Huwa tal-fehma li preżentazzjonijiet legalistiċi żżejjed u dikjarazzjonijiet ta' ċaħda eċċessivi mill-awdituri mhumiex fl-interess pubbliku;**

Or. en

**Emenda 33**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

9. Iqis li x-xettiċiżmu professjonali huwa wieħed mill-elementi fundamentali tal-awditjar li jaffettwa kull fażi tal-awditjar; jafferma li dan ix-xettiċiżmu jista' jinkiseb permezz tal-oġġettività u l-indipendenza tal-awditur;

9. Iqis li x-xettiċiżmu professjonali huwa wieħed mill-elementi fundamentali tal-awditjar li jaffettwa kull fażi tal-awditjar; jafferma li dan ix-xettiċiżmu jista' jinkiseb permezz tal-oġġettività u l-indipendenza tal-awditur, ***flikkien mal-ġudizzju professjonali żviluppat fuq il-bażi tal-esperjenza, li ma jistax ikun issotitwit minn proċeduri fejn wieħed jimmarka kaxxa.***

Or. en

**Emenda 34**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**9a. Jemmen li s-sistema tal-kwalifiki fir-rapporti tal-awditjar m'għandhiex tkun rieżaminata, għaliex din għandha funzjoni diżsważiva u tikkontribwixxi**

**Emenda 35  
Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Iqis li djalogu fluwidu u regolari bejn l-awditur estern, l-awditur intern u l-kumitat tal-awditjar huwa essenzjali biex isir awditjar effikaċi, għaliex huwa neċessarju li l-azzjonisti jinżammu infurmati, pereżempju, bir-raġunijiet tal-għażla, l-għażla mill-ġdid jew ir-revoka tal-inkarigu ta' awditur **jew** permezz ta' spjegazzjonijiet konkreti għar-rapport tal-awditjar;

*Emenda*

10. Iqis li djalogu fluwidu u regolari bejn l-awditur estern, l-awditur intern u l-kumitat tal-awditjar huwa essenzjali biex isir awditjar effikaċi, għaliex huwa neċessarju li l-azzjonisti jinżammu infurmati, pereżempju, bir-raġunijiet tal-għażla, l-għażla mill-ġdid jew ir-revoka tal-inkarigu ta' awditur permezz ta' spjegazzjonijiet konkreti għar-rapport **tal-kumitat** tal-awditjar;

**Emenda 36  
Sergio Gaetano Cofferati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 10 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**10a. Jemmen li r-responsabbiltà soċjali u ambjentali hija komponent bażiku tal-ġestjoni korporattiva u jqis li din għandha tkun suġġetta għal kontroll indipendenti u tagħmel parti minn rwol estiż għall-awdituri;**

*Emenda*

**Emenda 37**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**10 a. Huwa tal-fehma li l-awdituri għandu jkollhom id-dritt li jinstemgħu fil-laqgħat ġenerali tal-kumpanija fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-rwol tagħhom bħala awdituri;**

Or. en

**Emenda 38**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**10a. Jappoġġa l-introduzzjoni ġeneralizzata u obbligatorja tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISA), iċċarati permezz ta' regolament, li jippermettu l-armonizzazzjoni tal-awditjar fil-livell Ewropew u jiffaċilitaw il-kompitu tal-korpi ta' sorveljanza; huwa tal-fehma li l-awditjar huwa proċedura unika, irrispettivament mid-daqs tal-kumpanija li qed issirilha l-verifika, iżda li l-applikazzjoni tiegħu jeħtieġ li tkun adattata għall-karatteristiċi ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs);**

Or. es

**Emenda 39**  
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***10a. Jemmen li hemm bżonn li ż-żewġ  
aspetti tal-awditjar - l-intern u l-estern -  
ikunu ċirkoskritti b'mod ċar fil-liġi;***

Or. ro

**Emenda 40**  
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10 b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***10b. Il-kompożizzjoni tal-kumitat tal-  
awditjar għandha tinkludi membri  
indipendenti. Il-membri kollha tal-  
kumitat tal-awditjar irid ikollhom  
esperjenza fl-awditjar;***

Or. ro

**Emenda 41**  
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10 c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***10c. Il-verifiki tar-riskju intern iridu  
jissaħħu u jiġu separati b'mod ċar mill-  
verifiki finanzjarji;***

Or. ro

**Emenda 42**  
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10 d (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**10d. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tadotta b'mod urġenti l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISA), li għandhom ikunu obbligatorju għall-intrapriżi kollha tan-negozju fl-UE ta' ċertu tip (elenkati);**

Or. ro

**Emenda 43**  
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10 e (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**10e. Ifakkar lill-Kummissjoni li appartati minn dawk il-kumpanniji li għalihom għandhom japplikaw l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar, hemm ukoll kumpanniji oħra li, minkejja li huma eżentati minn dawk l-istandards, għandhom madankollu jaraw li s-sitwazzjonijiet finanzjarji tagħhom ikunu verifikati minn kumpanniji tal-awditjar awtorizzati;**

Or. ro

**Emenda 44**  
**Kurt Lechner-**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

AM\862326MT.doc

PE462.588v01-00 21/61 AM

**MT**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. **Jaqbel li jeżisti** kunflitt ta' interess inevitabbli minħabba l-fatt li awditur jitqabba u jitħallas mill-intrapriża li qed issirilha l-verifika; **madankollu**, ma jqisx li hu ġġustifikat li l-inkarigu jingħata minn parti terza; f'dan is-sens, jitlob li jissaħħa ir-rwol tal-kumitat tal-awditjar;

*Emenda*

11. **Jirrikonoxxi li sabiex ikun evitat ir-riskju ta'** kunflitt ta' interess minħabba l-fatt li awditur jitqabba u jitħallas mill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, **id-Direttiva tal-Awditjar kurrenti tal-UE tistabbilixxi l-prinċipju li l-awdituri statutorji jinħatru mill-assemblea ġenerali u li għal entitajiet ta' interess pubbliku l-kumitat tal-awditjar jirrakkomanda l-awditur statutorju; għalhekk**, ma jqisx li hu ġġustifikat li l-inkarigu jingħata minn parti terza; f'dan is-sens, jitlob li jissaħħa ir-rwol tal-kumitat tal-awditjar **u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti xierqa f'dak is-sens**;

Or. en

**Emenda 45**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jaqbel li jeżisti kunflitt ta' interess **inevitabbli** minħabba l-fatt li awditur jitqabba u jitħallas mill-intrapriża li qed issirilha l-verifika; **madankollu, ma jqisx li hu ġġustifikat li l-inkarigu jingħata minn parti terza; f'dan is-sens, jitlob li jissaħħa ir-rwol tal-kumitat tal-awditjar**;

*Emenda*

11. Jaqbel li jeżisti kunflitt ta' interess **impliċitu** minħabba l-fatt li awditur jitqabba u jitħallas mill-intrapriża li qed issirilha l-verifika **u jitlob li jkunu investigati modi possibbli kif dan ikun eliminat**;

Or. en

**Emenda 46**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

11. Jaqbel li jeżisti kunflitt ta' interess inevitabbli minħabba l-fatt li awditur jitqabbad u jitħallas mill-intrapriża li qed issirilha l-verifika; madankollu, ma jqisx li hu ġġustifikat li l-inkarigu jingħata minn parti terza; f'dan is-sens, jitlob li jissaħħaħ ir-rwol tal-kumitat tal-awditjar;

11. *Ma taffetwax il-verżjoni Maltija;*

Or. en

**Emenda 47**

**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**12. Jemmen li biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta' kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' tmien snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' erba' snin li jiġġedded darba biss għal erba' snin oħra wara, segwit minn tal-inqas erba' snin - tmienja fil-każ tal-entitajiet ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' erba' snin ikun jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;**

***imħassar***

Or. es

**Emenda 48**

**Kurt Lechner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. *Jemmen li biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta' kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' tmien snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' erba' snin li jiġġedded darba biss għal erba' snin oħra wara, segwit minn tal-inqas erba' snin - tmienja fil-każ tal-entitajiet ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' erba' snin ikun jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;*

*Emenda*

12. *Jaqbel li l-indipendenza tal-awditur hija ta' importanza fundamentali; jemmen li l-kumitati tal-awditjar għandhom rwol superviżorju importanti biex ikun żgurat l-awditur jibqa' indipendenti u jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi tmexxija biex tgħin lill-kumitati tal-awditjar f'dan ir-rigward; jemmen li r-rotazzjoni interna tas-sieħba tal-awditjar kif imħaddna bħalissa fid-Direttiva tal-Awditjar tal-UE għall-entitajiet ta' interess pubbliku hija mekkaniżmu xieraq għall-iżgurar tal-indipendenza tal-awditur. Studji xjentifiċi jagħtu prova ta' żieda fl-ispejjeż għall-kumpaniji li saritilhom verifika u tnaqqis konsiderevoli fil-kwalità tal-verifika fil-każ tar-rotazzjoni tad-ditta tal-awditjar minħabba telf ta' għarfien istituzzjonali dwar l-entità li saritilha l-verifika. Wieħed jista' jistenna li r-rotazzjoni esterna wkoll se jkollha impatt negattiv fuq il-pożizzjoni tas-suq tad-ditti tal-awditjar iżgħar u ta' daqs medju;*

Or. en

**Emenda 49**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. *Jemmen li biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta' kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' tmien snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' erba' snin li jiġġedded darba biss għal erba' snin oħra wara, segwit minn tal-inqas erba' snin - tmienja fil-każ tal-entitajiet*

*Emenda*

12. *Iqis ir-rotazzjoni esterna bħala mezz għat-tisħiħ tal-indipendenza tal-awdituri, iżda jtenni l-fehma tiegħu li mhix ir-rotazzjoni esterna iżda pjuttost it-tibdil regolari fl-awdituri interni li jirrappreżenta l-aħjar soluzzjoni regulatorja, kif ikkonfermat bid-Direttiva 2006/43/KE;*



*ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' erba' snin ikun jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;*

Or. de

**Emenda 50**  
**Alexandra Thein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*12. Jemmen li biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta' kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' tmien snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' erba' snin li jiġġedded darba biss għal erba' snin oħra wara, segwit minn tal-inqas erba' snin - tmienja fil-każ tal-entitajiet ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' erba' snin ikun jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;*

*Emenda*

*12. Iqis ir-rotazzjoni esterna bħala mezz għat-tisħiħ tal-indipendenza tal-awdituri, iżda jtenni l-fehma tiegħu li mhix ir-rotazzjoni esterna iżda pjuttost it-tibdil regolari fl-awdituri interni li jirrappreżenta l-aħjar soluzzjoni regolatorja, kif ikkonfermat bid-Direttiva 2006/43/KE; l-iktar, l-iktar għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-kwestjoni ta' jekk ir-rotazzjoni hix approprijata għall-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti sistemikament;*

Or. de

**Emenda 51**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*12. Jemmen li biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta'*

*Emenda*

*12. Jemmen li biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta'*

kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' **tmien** snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' **erba'** snin li jiġġedded darba biss għal **erba'** snin oħra wara, segwit minn tal-inqas **erba'** snin - **tmienja** fil-każ tal-entitajiet ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' **erba' snin ikun** jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;

kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' **xxx** snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' **xxx/2** snin li jiġġedded darba biss għal **xxx/2** snin oħra wara, segwit minn tal-inqas **xxx/2** snin - **xxx** fil-każ tal-entitajiet ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' **xxx/2-il sena jkun** jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;

Or. en

## **Emenda 52** **Syed Kamall**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 12**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jemmen **li biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta' kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' tmien snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' erba' snin li jiġġedded darba** biss għal **erba' snin oħra wara, segwit minn tal-inqas erba' snin - tmienja fil-każ tal-entitajiet ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' erba' snin ikun jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;**

#### *Emenda*

12. Jemmen **li m'hemmx hteieġa ta' rotazzjoni tad-ditti, għaliex m'hemm l-ebda prova li nuqqas ta' indipendenza huwa problema fl-awditjar; Arranġamenti eżistenti ta' rotazzjoni tas-sieħba jipprovdu l-indipendenza meħtieġa sabiex il-verifiki jkunu effettivi. L-evidenza tissuġġerixxi li kull rotazzjoni ta' awditjar obbligatorja x'aktarx** biss iżżid il-konċentrazzjoni fis-suq tal-awditjar, u hemm provi tajba li dan jimponi spejjeż sinifikanti fuq in-negozju, li għandhom ikunu evitati;

Or. en

**Emenda 53**  
**Toine Manders**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jemmen li **biex tkun iggarantita l-indipendenza tal-verifiki, it-tul massimu ta' kuntratt ta' awditjar għandu jkun limitat għal total ta' tmien snin; huwa favur li jinħoloq kuntratt inizjali ta' erba' snin li jiġġedded darba biss għal erba' snin oħra wara, segwit minn tal-inqas erba' snin - tmienja fil-każ tal-entitajiet ta' interess pubbliku - qabel mad-ditta tal-awditjar terġa' tagħmel il-verifiki tal-istess intrapriża; hu tal-fehma li fi tmiem il-perjodu inizjali ta' erba' snin ikun jeħtieġ tiġdid intern fit-tim tad-ditta tal-awditjar nfisha;**

*Emenda*

12. Jemmen li **l-kuntratti ta' awditjar għandhom ikunu eżegwiti minn ditti tal-awditjar indipendenti, li r-rotazzjoni tad-ditti tal-awditjar għall-kuntratti biex jagħmlu l-awditjar tal-impriża u tal-entitajiet ta' interess pubbliku għandha tkun fuq bażi volontarja;**

Or. nl

**Emenda 54**  
**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**12a. Huwa tal-fehma li l-indipendenza tal-awdituri statutorji vis-à-vis l-management tal-kumpaniji li qed jagħmluhom verifika hija essenzjali u għandha tinżamm f'kull ħin; huwa tal-fehma li r-rwol tal-kumitat tal-awditjar huwa fundamentali sabiex tkun iggarantita din l-indipendenza u li dan għandu jissaħħaħ; jikkunsidra li l-obbligi imposti fuq l-kumitat tal-awditjar għandhom jinkludu r-responsabilità li jipproponi l-ħatra tal-awditur statutorju għall-approvazzjoni mill-azzjonisti fil-**

*Emenda*

*laqgħa ġenerali annwali, kif ukoll in-notifika lill-azzjonisti tal-miżuri adottati għar-reviżjoni tal-kwalifika tad-ditta tal-awditjar, ir-raġunijiet li wasslu biex din tkun irrakkomandata u l-azzjoni meħuda biex tiggarrantixxi l-indipendenza tagħha, inklużi kwalunkwe restrizzjonijiet imposti fuq il-provvista ta' servizzi apparti l-awditjar u garanziji rigward ir-rotazzjoni tas-sieħba prinċipali tal-awditjar;*

Or. es

**Emenda 55**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*12 a. Huwa tal-fehma li l-kumpaniji għandhom jagħmlu, b'mod obbligatorja, proċess miftuħ ta' offerti għall-ħatriet statutorji ta' awdituri esterni kull tmien snin, fuq bażi li tiġġedded; jinnota li għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji Sistemikament Importanti (SIFIs), dan il-perjodu għandu jitnaqqas għal kull erba' snin;*

Or. en

**Emenda 56**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*12a. Jaqbel li jeħtieġ li jittieħdu passi biex tkun evitata l-familjarità eċċessiva, jissuġġerixxi li għażliet oħra barra minn*

*ċiklu ta' rotazzjoni fiss, jew flimkien miegħu, għandhom jiġu kkunsidrati, pereżempju jekk isiru verifiki konġunti ċ-ċiklu ta' rotazzjoni jista' jkun id-doppju ta' dak fejn jintuża awditur wieħed la d-dinamika ta' "tlieta f'kamra" hija differenti minn dik ta' "tnejn f'kamra"; ir-rotazzjoni tal-awditjar konġunt tista' anke tkun irranġata b'tali mod li ma taħbatx flimkien;*

Or. en

**Emenda 57**  
**Toine Manders**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*12a. Iqis li, fejn ikun hemm prova ta' abbuż tal-kariga ta' direttur ta' impriża jew ta' entità ta' interess pubbliku u/jew tad-ditta ta' awditjar, għandha tkun possibbli l-prosekuzzjoni ta' dawk kollha kkonċernati;*

Or. nl

**Emenda 58**  
**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*13. Iqis li huwa vitali li jkunu adottati miżuri sabiex ikunu evitati t-tentattivi ta' frodi tar-regola ta' rotazzjoni mandatorja permezz tan-nomina ta' ditta oħra ta' verifika minn ġewwa l-istess grupp jew billi jiġqabbdu l-istess awdituri f'isem*

*imħassar*

*kumpanija differenti;*

Or. es

**Emenda 59**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**13. Iqis li huwa vitali li jkunu adottati miżuri sabiex ikunu evitati t-tentattivi ta' frodi tar-regola ta' rotazzjoni mandatorja permezz tan-nomina ta' ditta oħra ta' verifika minn ġewwa l-istess grupp jew billi jitqabdu l-istess awdituri f'isem kumpanija differenti;**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 60**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

13. Iqis li huwa vitali li jkunu adottati miżuri sabiex ikunu evitati t-tentattivi **ta' frodi tar-regola** ta' rotazzjoni mandatorja permezz tan-nomina ta' ditta oħra ta' verifika minn ġewwa l-istess grupp **jew billi jitqabdu l-istess awdituri f'isem kumpanija differenti;**

13. Iqis li huwa vitali li jkunu adottati miżuri sabiex ikunu evitati t-tentattivi **fejn wieħed jara kif jaħrab mir-regola** ta' rotazzjoni mandatorja permezz tan-nomina ta' ditta oħra ta' verifika minn ġewwa l-istess grupp; **bl-istess mod, l-istaff mid-ditta tal-awditjar ta' qabel għandu jiġu eskluż mill-verifika tal-istess klijent f'isem id-ditta l-ġdida tiegħu għall-istess perjodu/i li għalih id-ditta preċedenti hija prekluzja;**

Or. en

**Emenda 61**

**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 13 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**13a. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-prattiċi tal-kumpaniji jgħinu biex jippreservaw il-protezzjoni pprovduta, inkluża l-protezzjoni relatata mar-rotazzjoni obbligatorja tas-sieħba prinċipali tal-awditjar, anki meta dawn is-sieħba jmorru ma' ditti oħra, it-trasparenza vis-à-vis l-azzjonisti matul il-proċess u fir-rigward tar-raġunijiet li għalihom l-awdituri proposti kienu rakkomandati, kif ukoll l-attribuzzjoni ċara tar-responsabilità lill-kumitat tal-awditjar rigward il-proċess u fir-rigward tad-deċiżjoni finali vis-à-vis l-azzjonisti;**

Or. es

**Emenda 62**

**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14. Huwa tal-fehma li għandu jkun proġbit l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, u f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanament; b'hekk ikun limitat il-"lowballing", fejn ikunu offerti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkompensati mill-ħlas għal servizzi**

**imħassar**

*komplementari; għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar;*

Or. es

**Emenda 63**  
**Kurt Lechner**

**Mozzjoni għal rizzoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal rizzoluzzjoni*

*14. Huwa tal-fehma li għandu jkun **projbit l-għoti** ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, **għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, u f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanament; b'hekk ikun limitat il-"lowballing", fejn ikunu offerti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkompensati mill-ħlas għal servizzi komplementari, għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar;***

*Emenda*

*14. **Jaqbel li l-indipendenza tal-awditur m'għandhiex tkun kompromessa mill-għoti** ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika **mill-awditur; jirrikonoxxi li l-prinċipji applikati internazzjonalment b'mod ġenerali minn ditti tal-awditjar fir-rigward ta' entitajiet ta' interess pubbliku huma konsiderevolment aktar restrittivi minn dak li hu meħtieġ mil-liġi tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti biex isir rekwiżit li dawn ir-restrizzjonijiet japplikaw għall-entitajiet ta' interess pubbliku; jirrikonoxxi li l-provvista ta' servizzi barra l-awditjar, fejn ma jkunx inkompatibbli mal-indipendenza tal-awditur, jista' jkun element essenzjali li jipprovdli awditjar ta' kwalità għolja f'ambjent ta' negozju kumpless permezz ta' sett ta' ħiliet iktar wiesa'. B'mod partikolari, jara fil-qasam ta' negozji żgħar u medji aspettattiva li l-awditur statutorju jkun sieħeb għan-negozju li jista' wkoll jagħti pariri dwar it-tassazzjoni u kwistjonijiet oħra. Jirrikonoxxi li l-istandards ta' kwalità għolja tal-awditjar, meta applikati għal servizzi oħra, jikkontribwixxu għall-fiduċja fit-tranżazzjonijiet finanzjarji u s-swieq finanzjarji;***



**Emenda 64**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Huwa tal-fehma li għandu jkun **projbit** l-għoti ta' servizzi oħra **ħlief dawk** tal-awditjar **lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, u f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanjament**; b'hekk **ikun** limitat il-"lowballing", fejn ikunu offeriti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, **il-projbizzjoni** għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, **b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar**;

*Emenda*

14. Huwa tal-fehma li għandu jkun **hemm demarkazzjoni ċara bejn** l-għoti ta' servizzi **tal-awditjar u servizzi oħra li ditta tal-awditjar tipprovdi lill-klijent, bl-għan li jkunu evitati kunflitti ta' interess u skont il-kodiċi tal-prattika tal-awditjar**; b'hekk **jista' jkun** limitat il-"lowballing", fejn ikunu offeriti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, **id-demarkazzjoni** għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom;

**Emenda 65**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Huwa tal-fehma li għandu jkun **projbit** l-għoti ta' servizzi oħra **ħlief dawk** tal-awditjar **lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, u f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanjament**; b'hekk **ikun limitat il-"lowballing"**, fejn

*Emenda*

14. Huwa tal-fehma li għandu jkun **projbit** l-għoti **mill-awditur** ta' servizzi oħra **ħlief dawk** tal-awditjar **lill-klijent** għaliex **dan jippreżenta kunflitti ta' interess ċar; huwa tal-fehma barra minn hekk li din il-projbizzjoni għandha tinkludi l-għoti ta' servizzi ta' awditjar intern; b'hekk tkun limitata il-prattika** fejn ikunu offeriti

ikunu offerti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; ***għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar;***

prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari;

Or. en

## **Emenda 66 Syed Kamall**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 14**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Huwa tal-fehma li ***għandu jkun*** projbit l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, ***għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, u f'kull każ m'għandhomx jingħataw*** servizzi ta' awditjar intern u estern simultanjament; ***b'hekk ikun limitat il-"lowballing", fejn ikunu offerti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar;***

#### *Emenda*

14. Huwa tal-fehma li ***m'għandhux ikun*** projbit l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika ***għaliex linji gwida etiċi fil-livell ta' Stati Membri diġà jipprojbixxu ċerti servizzi li mhumiex awditjar mill-awditur, partikolarment ta' kumpaniji elenkati, u jissoġġettaw servizzi permessi li mhumiex ta' awditjar għal żvelar u trasparenza sinifikanti. Madankollu*** servizzi ta' awditjar intern u estern ***m'għandhomx ikunu pprovduti*** simultanjament;

Or. en

## **Emenda 67 Sharon Bowles**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Huwa tal-fehma li għandu jkun projbit l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, u f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanament; b'hekk ikun limitat il-"lowballing", fejn ikunu offerti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar;

*Emenda*

14. Huwa tal-fehma li għandu jkun projbit l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, **madankollu, jqis li l-ħolqien ta' ditti tal-awditjar biss jista' jnaqqas l-għarfien espert u l-kalibru tal-persunal f'ditti bħal dawn**; u f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanament; b'hekk ikun limitat il-"lowballing", fejn ikunu offerti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar;

Or. en

**Emenda 68**  
**Toine Manders**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Huwa tal-fehma li għandu jkun **projbit l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar** lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, **għaliex dawn jipperikolaw l-indipendenza tal-awditur, u f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanament; b'hekk ikun limitat il-"lowballing", fejn ikunu offerti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata**

*Emenda*

14. Huwa tal-fehma li **s-servizz** għandu jkun **provdut** lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika **minn awtur indipendenti fuq il-bażi tal-prinċipji tas-suq ħieles**;

***għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom,  
b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar  
ikunu ditti kbar;***

Or. nl

**Emenda 69  
Alexandra Thein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Huwa tal-fehma li ***għandu jkun projbit*** l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika, għaliex dawn ***jipperikolaw*** l-indipendenza tal-awditur, u ***f'kull każ m'għandhomx jingħataw servizzi ta' awditjar intern u estern simultanjament;*** b'hekk ***ikun*** limitat il-"lowballing", fejn ikunu offeriti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, il-projbizzjoni għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom, b'mod partikulari meta d-ditti tal-awditjar ikunu ditti kbar;

*Emenda*

14. Huwa tal-fehma li ***kwalunkwe projbizzjoni fuq*** l-għoti ta' servizzi oħra ħlief dawk tal-awditjar lill-intrapriża li qed issirilha l-verifika ***għandhom japplikaw l-iktar biss għall-istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament importanti,*** għaliex ***l-għoti ta' servizzi bħal*** dawn ***jista' jipperikola*** l-indipendenza tal-awditur; ***huwa tal-fehma ġenerali li għandu jkun hemm demarkazzjoni ċara bejn l-għoti ta' servizzi tal-awditjar u servizzi oħra li ditta tal-awditjar tippovdi lill-klijent, bl-għan li jkunu evitati kunflitti ta' interess u skont il-kodiċi tal-prattika tal-awditjar;*** b'hekk ***jista' jkun*** limitat il-"lowballing", fejn ikunu offeriti prezzijiet artifiċjalment baxxi għall-awditjar bit-tama li jkunu kkumpensati mill-ħlas għal servizzi komplementari; għal dan il-għan, ***id-demarkazzjoni*** għandha tkun applikata għad-ditti kollha u għall-klijenti tagħhom;

Or. de

**Emenda 70  
Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 14 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***14a. Iqis li l-manteniment tal-indipendenza tal-awditur huwa essenzjali; huwa tal-fehma li l-awdituri esterni għandhom ikunu pprojbiti milli jipprovdu servizzi lill-kumpanija li qed issirilha l-verifika li jistgħu jagħtu lok għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli rigward l-indipendenza jew ma' rekwiżiti etiċi oħra; jirrikonoxxi li, sabiex tingħata spinta lit-tkabbir fl-ekonomija Ewropea, huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-impriżi kollha, irrISPettivament mid-daqs tagħhom u inklużi l-SMEs, jistgħu jikkuntrattaw awdituri indipendenti u ditti tal-awditjar li jkollhom firxa wiesgħa ta' ħiliet;***

Or. es

**Emenda 71  
Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 14 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***14 a. Huwa tal-fehma li oqsma tas-servizzi ta' verifika li huma meqjusa suxxettibbli għal kunflitt ta' interess għandhom ikunu mwettqa minn kumpaniji differenti, inklużi l-evalwazzjonijiet ta' prodotti strutturati kumplessi;***

Or. en

**Emenda 72  
Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Iqis li l-proporzjon ta' **ħlas** li ditta tal-awditjar **tista' tirċievi minn klijent wieħed** meta mqabbel mad-dħul totali tagħha għandu jkun limitat sabiex id-ditta tal-awditjar ma' ssibx ruħha f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika;

*Emenda*

15. Iqis li l-proporzjon **tal-onorarju ta'** ditta tal-awditjar minn **kwalunkwe** klijent wieħed meta mqabbel mad-dħul totali tagħha għandu jkun limitat sabiex id-ditta tal-awditjar ma' ssibx ruħha f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika;

Or. en

**Emenda 73**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Iqis li l-proporzjon ta' **ħlas** li ditta tal-awditjar **tista' tirċievi** minn klijent wieħed **meta mqabbel mad-dħul** totali **tagħha għandu jkun limitat** sabiex id-ditta tal-awditjar ma' ssibx ruħha f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika;

*Emenda*

15. Iqis li l-**ħlas** li ditta tal-awditjar **jew netwerk ta' ditti tal-awditjar jistgħu jirċievu** minn klijent wieħed **għandu jkun ippublikat meta jaqbżu limitu massimu u s-superviżuri għandhom ikunu jistgħu jintervjenu b'kontrolli, limiti jew rekwiżiti oħra tal-ippjanar meta jaqbżu ċertu perċentwal tad-dħul** totali **tagħhom** sabiex id-ditta tal-awditjar ma' ssibx ruħha f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika; **għandu jiġi rikonoxxut li għad-ditti iżgħar l-intervenzjoni m'għandhiex tirrestrinġi t-tkabbir u li l-kisba ta' klijent kbir u sinifikanti, li jirrappreżenta perċentwal għoli tax-xogħol fl-istadji bikrija, hija parti essenzjali tal-proċess tat-tkabbir;**

Or. en

**Emenda 74**  
**Alexandra Thein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Iqis li l-proporzjon ta' ħlas li ditta tal-awditjar tista' tirċievi minn klijent wieħed meta mqabbel mad-dħul totali tagħha għandu jkun limitat sabiex id-ditta tal-awditjar ma' ssibx ruħha f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika;

*Emenda*

15. Iqis li l-proporzjon ta' ħlas li ditta tal-awditjar tista' tirċievi minn klijent wieħed meta mqabbel mad-dħul totali tagħha għandu jkun limitat sabiex id-ditta tal-awditjar ma' ssibx ruħha f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika; ***iqis li meta dan il-perċentwal ikun stabbilit għandha ssir distinzjoni bejn il-kumpaniji li huma u dawk li mhumiex involuti fis-suq kapitali;***

Or. de

**Emenda 75**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

16. Iqis li d-ditti tal-awditjar li jivverifikaw il-kontijiet ta' entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jipublikaw il-kontijiet tagħhom u li dawn ***u l-metodi tad-ditti għandhom ikunu kkontrollati sabiex tkun żgurata l-kwalità tagħhom;***

*Emenda*

16. Iqis li d-ditti tal-awditjar li jivverifikaw il-kontijiet ta' entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jipublikaw il-kontijiet tagħhom u li, ***waqt li jirrikonoxxi kwestjonijiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali, jemmen li dawn il-kontijiet infushom għandhom ikunu s-suġġett ta' verifika esterna indipendenti;***

Or. en

**Emenda 76**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***16a. Huwa tal-fehma li għandu jsir rieżami dettaljat tar-regoli li jiggarrantixxu***

*Emenda*

*l-indipendenza tal-awdituri u l-kwalità tal-verifika minn korp ta' sorveljanza indipendenti għal kollox mill-professjoni;*

Or. de

**Emenda 77**  
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*16a. Jemmen li huwa importanti u xieraq li jkunu mfittxija sorsi alternattivi ta' kapitalizzazzjoni għad-ditti tal-awditjar, iżda jqis ukoll li l-miżuri previsti fid-Direttiva 2006/43/KE, li jstipulaw li l-awdituri għandu jkollhom il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot f'ditta tal-awditjar u għandu jkollhom il-kontroll tal-bord amministrattiv, għandhom jinżammu;*

Or. it

**Emenda 78**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*16 a. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora d-domanda li x'aktarx issir għal-laxkar tar-regoli tas-sjieda ta' ditti tal-awditjar li jkun jippermetti lid-ditti tal-awditjar jiksbu kapital minn sorsi esterni; dan jippermetti lid-ditti jirrikapitalizzaw fil-każ ta' kollass tad-ditta tal-awditjar u jippermettu lid-ditti li jżidu n-negozju tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu fis-suq tal-awditjar tal-akbar kumpaniji;*



**Emenda 79**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***16a. L-awdituri ta' grupp għandu jkollhom stampa ċara tal-grupp u fil-każ ta' istituzzjonijiet finanzjarji ssorveljati fuq bażi ta' grupp għandu jkollhom djalogu mas-superviżur tal-grupp;***

**Emenda 80**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***16a. Jappoġġa l-ħolqien ta' kodiċi internazzjonali ta' governanza tajba għal ditti tal-awditjar li jagħmlu l-verifiki ta' entitajiet ta' interess pubbliku;***

**Emenda 81**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***16b. Jemmen li l-mudell ta' sħubija huwa l-mudell xieraq għad-ditti tal-awditjar,***

***għaliex dan jipproteġi l-indipendenza tagħhom;***

Or. es

**Emenda 82**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***16c. Jappoġġa l-proposti tal-Ktiba Ħadra dwar il-verifiki tal-gruppi;***

Or. es

**Emenda 83**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Titolu 3 a (ġdid) wara l-paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Is-superviżjoni***

Or. es

**Emenda 84**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 d (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***16d. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta biex isaħħaħ il-***

*komunikazzjoni bejn l-awditur ta' entitajiet ta' interess pubbliku u l-awtoritajiet regolatorji;*

Or. es

**Emenda 85**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16 e (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*16e. Jemmen li l-protokoll tal-komunikazzjoni u l-kunfidenzjalità għandhom ikunu stabbiliti u d-djalogu għandu jopera fiż-żewġ direzzjonijiet;*

Or. es

**Emenda 86**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

17. Jemmen li meta wieħed iqis il-konfigurazzjoni attwali tas-suq, il-falliment ta' waħda mill-erba' d-ditti l-kbar ***tkun tikkostitwixxi fundamentalment riskju għall-kredibilità*** tal-professjoni tal-awditur;

17. Jemmen li meta wieħed iqis il-konfigurazzjoni attwali tas-suq, il-falliment ta' waħda mill-erba' d-ditti l-kbar ***tista' tagħmel ħsara lill-kredibilità*** tal-professjoni tal-awditur;

Or. en

**Emenda 87**  
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**17a. Jenfasizza li wieħed mill-għanijiet ta' kull azzjoni meħuda fil-qasam tal-awditjar għandu jkun l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fost il-kumpaniji varji li jaħdmu fis-settur, fuq il-bażi tal-kwalità, il-preċiżjoni u r-reqqa attwali tal-verifiki;**

Or. it

**Emenda 88**  
**Kurt Lechner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

18. Iqis li l-intrapriżi meqjusa “kbar wisq biex ifallu” jistgħu joħolqu riskju morali. Għandhom jissaħħu l-pjanijiet ta' kontinġenza fir-rigward tad-ditti l-kbar tal-awditjar. L-objettivi ta' dawn il-pjanijiet għandhom ikunu li jimminimizzaw il-possibilità li ditta ta' awditjar tabbanduna s-suq mingħajr raġuni ġġustifikata, inaqqsu l-inċertezza u t-tfixkil li dan jista' jikkawża, ***filwaqt li jiżguraw, fl-istess ħin, li s-suq ma jspiċċax dominat minn oligopolju iktar ristrett;***

18. ***Jemmen li bħala fornituri tas-servizzi li jiddependu fuq l-assi umani (l-awdituri) aktar milli fuq l-assi finanzjarji, id-ditti tal-awditjar mhumiex konnessi bejniethom u li l-falliment ta' ditta tal-awditjar ma joħloq ebda effett domino fil-bqija tal-ekonomija.*** Iqis li l-intrapriżi meqjusa “kbar wisq biex ifallu” jistgħu joħolqu riskju morali. Għandhom jissaħħu l-pjanijiet ta' kontinġenza fir-rigward tad-ditti l-kbar tal-awditjar. L-objettivi ta' dawn il-pjanijiet għandhom ikunu li jimminimizzaw il-possibilità li ditta ta' awditjar tabbanduna s-suq mingħajr raġuni ġġustifikata, inaqqsu l-inċertezza u t-tfixkil li dan jista' jikkawża;

Or. en

**Emenda 89**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Iqis li l-intrapriżi meqjusa “kbar wisq biex ifallu” jistgħu joħolqu riskju morali. Għandhom jissaħħu l-pjanijiet ta' kontinġenza fir-rigward tad-ditti l-kbar tal-awditjar. L-objettivi ta' dawn **il-pjanijiet** għandhom ikunu li jimminimizzaw il-possibilità li ditta ta' awditjar tabbanduna s-suq mingħajr raġuni ġġustifikata, inaqqsu l-inċertezza u t-tfixkil li dan jista' jikkawża, **filwaqt li jiżguraw, fl-istess ħin, li s-suq ma jispiċċax dominat minn oligopolju iktar ristrett;**

*Emenda*

18. Iqis li l-intrapriżi meqjusa “kbar wisq biex ifallu” jistgħu joħolqu riskju morali. Għandhom jissaħħu l-pjanijiet ta' kontinġenza fir-rigward tad-ditti l-kbar tal-awditjar. **jemmen, barra minn hekk, li għandhom jittieħdu passi biex tkun estiża l-verifika ta' entitajiet kbar għal suq usa' minn dak li jeżisti attwalment; u** l-objettivi ta' dawn **il-passi** għandhom ikunu li jimminimizzaw il-possibilità li ditta ta' awditjar tabbanduna s-suq mingħajr raġuni ġġustifikata, inaqqsu l-inċertezza u t-tfixkil li dan jista' jikkawża;

Or. en

**Emenda 90**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Iqis li **l-intrapriżi meqjusa “kbar** wisq biex **ifallu” jistgħu joħolqu** riskju morali. Għandhom jissaħħu l-pjanijiet ta' kontinġenza fir-rigward tad-ditti l-kbar tal-awditjar. L-objettivi ta' dawn il-pjanijiet għandhom ikunu li jimminimizzaw il-possibilità li ditta ta' awditjar tabbanduna s-suq mingħajr raġuni ġġustifikata, inaqqsu l-inċertezza u t-tfixkil li dan jista' jikkawża, filwaqt li jiżguraw, fl-istess ħin, li s-suq ma jispiċċax dominat minn oligopolju iktar ristrett;

*Emenda*

18. Iqis li **l-ebda ditta tal-awditjar m'għandha titqies “kbira** wisq biex **tfalli” għaliex dan jista' joħloq** riskju morali. Għandhom jissaħħu l-pjanijiet ta' kontinġenza fir-rigward tad-ditti l-kbar tal-awditjar. L-objettivi ta' dawn il-pjanijiet għandhom ikunu li jimminimizzaw il-possibilità li ditta ta' awditjar tabbanduna s-suq mingħajr raġuni ġġustifikata, inaqqsu l-inċertezza u t-tfixkil li dan jista' jikkawża, filwaqt li jiżguraw, fl-istess ħin, li s-suq ma jispiċċax dominat minn oligopolju iktar ristrett;

**Emenda 91**  
**Kurt Lechner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jinkludu mekkaniżmu li permezz tiegħu r-regolatur ikun infurmat bi kwalunkwe problema li thedded ditta ta' awditjar fil-livell nazzjonali jew internazzjonali, ***pjanijiet imfassla biex jistabbilizzaw id-ditta tal-verifika u jevitaw il-falliment għall-għarrieda kkawżat minn eżodu ta' klijenti u persunal waqt li tkun qed issir investigazzjoni, studju oġġettiv dwar il-kawżi tal-problema, indipendenti mis-sanzjonijiet imposti, li jistabbilixxi jekk il-problema hix intrinsika għad-ditta tal-awditjar jew jekk id-ditta tistax tkun salvata parzjalment jew kompletament***, kif ukoll pjan ta' rispons fejn ir-regolatur jiddetermina jekk ikomplix jagħti l-għajjnuna jew le lid-ditta tal-awditjar, u taħt liema kundizzjonijiet. ***F'każ ta' ħtieġa il-pjan għandu jipprevedi t-trasferiment ordnat tal-klijenti u l-persunal għal ditti tal-awditjar oħra;***

*Emenda*

19. Il-pjanijiet ta' kontinġenza ***huma element importanti biex ikun evitat ix-xoljiment bla ordni ta' ditta. Pjanijiet bħal dawn*** għandhom jinkludu mekkaniżmu li permezz tiegħu r-regolatur ikun infurmat bi kwalunkwe problema li thedded ditta ta' awditjar fil-livell nazzjonali jew internazzjonali, ***sabiex ir-regolaturi jkunu jistgħu jagħmlu l-parti tagħhom u jimmaniġġjaw dawn is-sitwazzjonijiet bl-attenzjoni dovuta;***

**Emenda 92**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jinkludu mekkaniżmu li permezz tiegħu r-

*Emenda*

19. Il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jinkludu mekkaniżmu li permezz tiegħu r-

regolatur ikun infurmat bi kwalunkwe problema li thedded ditta ta' awditjar fil-livell nazzjonali jew internazzjonali, ***pjanijiet imfassla biex jistabbilizzaw id-ditta tal-verifika u jevitaw il-falliment għall-għarrieda kkawżat minn eżodu ta' klijenti u persunal waqt li tkun qed issir investigazzjoni, studju oġġettiv dwar il-kawżi tal-problema, indipendenti mis-sanzjonijiet imposti, li jistabbilixxi jekk il-problema hix intrinsika għad-ditta tal-awditjar jew jekk id-ditta tistax tkun salvata parzjalment jew kompletament, kif ukoll pjan ta' rispons fejn ir-regolatur jiddetermina jekk ikomplix jagħti l-għajjnuna jew le lid-ditta tal-awditjar, u taħt liema kundizzjonijiet. F'każ ta' ħtieġa il-pjan għandu jipprevedi t-trasferiment*** ordnat tal-klijenti u l-persunal għal ditti tal-awditjar oħra;

regolatur ikun infurmat bi kwalunkwe problema li thedded ditta ta' awditjar fil-livell nazzjonali jew internazzjonali ***u li d-ditti tal-awditjar għandhom jistabbilixxu pjanijiet ta' rispons li jinkludi dispożizzjonijiet għat-trasferiment*** ordnat tal-klijenti u l-persunal għal ditti tal-awditjar oħra ***fejn dan ikun fattibbli***;

Or. en

**Emenda 93**  
**Sebastian Valentin Bodu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***19a. Jinkoraġġixxi ż-żieda fin-numru ta' awdituri indipendenti u ditti tal-awditjar żgħar bil-ħsieb li jieħdu sehem mis-suq, b'mod li madankollu, ma jolqotx ħażin l-erba' ditti l-kbar (Big Four).***

Or. ro

**Emenda 94**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**20. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata ghajjnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika volontarju fost l-erba' ditti l-kbar sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jiħares l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom;**

*imħassar*

Or. en

**Emenda 95  
Kurt Lechner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**20. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata ghajjnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika volontarju fost l-erba' ditti l-kbar sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jiħares l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom;**

**20. Jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq kundizzjonijiet indaqs għall-kompetizzjoni fis-suq tal-awditjar u biex tnaqqas il-kumplexità fir-regolamentazzjoni tal-awditjar minn perspettiva Ewropea. L-aċċess eħfef għas-suq u t-tneħħija ta' ostakoli għad-dħul fis-suq huma elementi ewlenin biex jiżdied in-numru ta' atturi u notevolment ta' atturi akbar fis-suq tal-awditjar. Iqis li l-kumitati tal-awditjar huma l-iktar indikati biex jagħżlu u jimmonitorjaw l-effikaċċja u l-kwalità tal-verifika u biex jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-entità li qed issirilha l-verifika, u li mhux xieraq li is-suq tal-awditjar ikun influwenzat artifiċjalment permezz ta' interventi regolatorji;**

Or. en



**Emenda 96**  
**Alexandra Thein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika volontarju fost l-erba' ditti l-kbar *sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jitħares* l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, *li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom*;

*Emenda*

20. *Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet kompetittivi indaqs fis-suq tal-awditjar u tissimplifika r-regoli li jirregolaw l-awditjar fil-livell Ewropew; huwa tal-fehma li aċċess aktar faċli għas-suq u t-tneħħija tal-ostakoli għad-ditti li jixtiequ jidħlu fis-suq huma vitali jekk għandu jkun attirat numru akbar ta' parteċipanti, u partikolarment parteċipanti akbar, għas-suq tal-awditjar;* iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika volontarju fost l-erba' ditti l-kbar *sabiex ikun protett jew imrawwem* l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju;

Or. de

**Emenda 97**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika volontarju fost l-erba' ditti l-kbar *sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jitħares* l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, *li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom*;

*Emenda*

20. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika volontarju fost l-erba' ditti l-kbar *sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru fil-gasam tal-awditjar statutorju*, u b'hekk jitħares l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, *li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom*;

**Emenda 98**  
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajjnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika **volontarju** fost l-erba' ditti l-kbar sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jitħares l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom;

*Emenda*

20. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajjnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika fost l-erba' ditti l-kbar sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jitħares l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom;

Or. it

**Emenda 99**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Iqis **li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajjnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika volontarju fost l-erba' ditti l-kbar sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jitħares l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom;**

*Emenda*

20. Iqis **il-bżonn ta' approċċ aktar infurmat fl-interess pubbliku għall-ħatra tal-awdituri u għalhekk jemmen li l-Kummissjoni għandha tesplora modi li jippermettu lill-entitajiet ta' interess pubbliku, is-settur pubbliku u l-Istituzzjonijiet Ewropej jiġġudikaw aħjar il-kwalità ta' servizz tal-awditjar li d-ditti tal-awditjar jistgħu jipprovdu;**

Or. en

**Emenda 100**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**20a. Iqis li l-akkwiżizzjonijiet mill-erba' ditti l-kbar trid titqies fid-dawl tal-impatt fuq it-tkabbir ta' ditti jew networks oħra;**

Or. en

**Emenda 101**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

21. Jafferma li huwa essenzjali **li jkunu pprojbiti** klawżoli **restrittivi favur l-erba' ditti l-kbar** fil-kuntratti; **jitlob li jkun mħeġġa l-amalgamazzjonijiet tad-ditti tal-awditjar medji u żgħar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibilità tal-ħolqien ta' reġistru ta' kwalità għad-ditti tal-awditjar li juri li d-ditti tal-awditjar medji u żgħar jistgħu jagħmlu xogħol sodisfaċenti;**

21. Jafferma li huwa essenzjali **li jkunu proskritti** klawżoli fil-kuntratti **li jllimitaw l-għażla ta' awditur;**

Or. en

**Emenda 102**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

21. Jafferma li huwa essenzjali li jkunu pprojbiti klawżoli restrittivi favur l-erba'

21. Jafferma li huwa essenzjali li jkunu pprojbiti klawżoli restrittivi favur l-erba'

ditti l-kbar fil-kuntratti; ***jitlob li jkun mħeġġa l-amalgamazzjonijiet tad-ditti tal-awditjar medji u żgħar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibilita tal-ħolqien ta' reġistru ta' kwalita għad-ditti tal-awditjar li juri li d-ditti tal-awditjar medji u żgħar jistgħu jagħmlu xogħol sodisfaçenti;***

ditti l-kbar fil-kuntratti;

Or. en

**Emenda 103**  
**Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

21. Jafferma li huwa essenzjali li jkunu pprojbiti klawżoli restrittivi favur l-erba' ditti l-kbar fil-kuntratti; ***jitlob li jkun mħeġġa l-amalgamazzjonijiet tad-ditti tal-awditjar medji u żgħar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibilita tal-ħolqien ta' reġistru ta' kwalita għad-ditti tal-awditjar li juri li d-ditti tal-awditjar medji u żgħar jistgħu jagħmlu xogħol sodisfaçenti;***

*Emenda*

21. Jafferma li huwa essenzjali li jkunu pprojbiti klawżoli restrittivi favur l-erba' ditti l-kbar fil-kuntratti; ***jitlob li jkun mħeġġa l-amalgamazzjonijiet tad-ditti tal-awditjar medji u żgħar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibilita tal-ħolqien ta' reġistru ta' kwalita għad-ditti tal-awditjar li juri li d-ditti tal-awditjar medji u żgħar jistgħu jagħmlu xogħol sodisfaçenti; *jitlob li l-akkwist pubbliku għandu jimmira li juża ditti oħra barra l-erba' ditti l-kbar u li l-korpi pubbliċi għandhom jistabilixxu persentaġġ ta' referenza għall-użu ditti li mhumiex fost l-erba' ditti l-kbar;****

Or. en

**Emenda 104**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*21 a. Iqis li hemm bżonn li jkun stabbilit, jew li tingħata għajnuna biex ikun stabbilit, kodiċi ta' etika għall-erba' ditti l-kbar sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jillimitaw huma stess kemm se jikbru, u b'hekk jitħares l-iżvilupp ta' ditti tal-awditjar ta' daqs medju, li finalment ikun ta' benefiċċju anke għas-sopravivenza tad-ditti l-kbar infushom;*

Or. en

**Emenda 105**

**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*22. Jitlob lill-Kummissjoni li tistabilixxi għall-entitajiet ta' interess pubbliku sistema perjodika ta' sejħiet għall-offerti obligatorja li torbothom jinkludu tal-inqas ditta waħda li ma tkunx mill-erba' ditti l-kbar; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti;*

*imħassar*

Or. es

**Emenda 106  
Kurt Lechner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*22. Jitlob lill-Kummissjoni li tistabilixxi*

*22. Jirrikonoxxi l-importanza tar-rwol tal-*

*għall-entitajiet ta' interess pubbliku sistema perjodika ta' sejħiet għall-offerti obbligatorja li torbothom jinkludu tal-inqas ditta waħda li ma tkunx mill-erba' ditti l-kbar; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti;*

*kumitat tal-awditjar fil-monitoraġġ tal-effikaċja tal-awditur estern u tal-proċess tal-awditjar; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-prattiki tal-kumitat tal-awditjar fir-rigward tal-proċessi tas-sejħa għall-offerti b'rigward partikolari għall-aspetti tal-piżijiet amministrattivi assoċjati ma' proċess formali ta' sejħa għall-offerti. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi r-riżultati ta' diskussjoni annwali tal-għażla tal-awditur f'rapport tal-kumitat tal-awditjar lill-assemblea tal-azzjonisti;*

Or. en

**Emenda 107**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Jitlob lill-Kummissjoni *li tistabilixxi għall-entitajiet ta' interess pubbliku sistema perjodika ta' sejħiet għall-offerti obbligatorja li torbothom jinkludu tal-inqas ditta waħda li ma tkunx mill-erba' ditti l-kbar; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti;*

*Emenda*

22. Jitlob lill-Kummissjoni, *f'rabta mas-sejħiet għall-offerti mill-entitajiet ta' interess pubbliku, biex tistipula li tal-inqas żewġ ditti oħra jridu jkun involuti flimkien mal-erba' ditti l-kbar; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti;*

Or. de

**Emenda 108**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. *Jitlob lill-Kummissjoni li tistabilixxi*

*Emenda*

22. *Jixtieq jinkoraġixxi sistema perjodika*

**għall-entitajiet ta' interess pubbliku** sistema perjodika ta' sejħiet għall-offerti obligatorja li **torbothom jinkludu tal-inqas ditta waħda li ma tkunx mill-erba' ditti l-kbar**; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess, **u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti**;

ta' sejħiet għall-offerti obligatorja **mill-entitajiet ta' interess pubbliku**, li **fiha n-numru ta' sejħiet mitluba jrid ikun tali li jiżgura li jintefgħu offerti minn kumpaniji oħra għajr is-soltu fornituri tal-entitajiet kbar**; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess;

Or. en

## **Emenda 109** **Syed Kamall**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 22**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Jitlob lill-Kummissjoni li **tistabilixxi għall-entitajiet ta' interess pubbliku** sistema perjodika ta' sejħiet għall-offerti obligatorja **li torbothom jinkludu** tal-inqas ditta waħda li ma tkunx mill-erba' ditti l-kbar; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti;

#### *Emenda*

22. Jitlob lill-Kummissjoni li **tipproponi li l-Istati Membri jistabilixxu** sistema perjodika ta' sejħiet għall-offerti obligatorja **meta l-entitajiet ta' interess pubbliku joħorġu sejħa għall-offerti għall-awditjar tagħhom, li permezz tagħha** tal-inqas ditta waħda li ma tkunx mill-erba' ditti l-kbar **tkun mistiedna titfa' offerta**; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu jingħata rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti;

Or. en

## **Emenda 110** **Alexandra Thein**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 22**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Jitlob lill-Kummissjoni li **tistabilixxi għall-entitajiet ta' interess pubbliku** sistema

#### *Emenda*

22. Jitlob lill-Kummissjoni li **tistabilixxi għall-entitajiet ta' interess pubbliku** sistema

perjodika ta' sejħiet għall-offerti obbligatorja li **torbothom jinkludu tal-inqas ditta waħda li ma tkunx mill-erba' ditti l-kbar**; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu **jingħata** rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti;

perjodika ta' sejħiet għall-offerti obbligatorja, li **fiha t-termini tas-sejħiet għall-offerti m'għandhomx ikunu ddefiniti b'mod daqshekk strett u restrittiv li jiggarrantixxi li l-kuntratti jingħataw biss lill-kumpaniji l-kbar; huwa tal-fehma li proċeduri bħal dawn għandhom ikunu miftuħa għad-ditti tal-awditjar kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla**; iqis li l-kumitat tal-awditjar għandu rwol ewlieni f'dan il-proċess, u li għandhom jipparteċipaw ukoll l-azzjonisti; **jirrimarka kemm huwa importanti r-rwol tal-kumitat tal-awditjar fil-monitoraġġ tal-effikaċja tal-awdituri esterni; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-prattiki tas-sejħiet għall-offerti użati mill-kumitati tal-awditjar, b'mod partikolari rigward l-ostakoli burokratiċi maħluqa mill-proċess formali ta' sejħiet offerti**;

Or. de

**Emenda 111**  
**Marta Andreasen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**22 a. Huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha meqjusa kbar wisq biex ifallu, jew ikkunsidrati sistemikament rilevanti, nazzjonalment, reġjonalment u/jew internazzjonalment, għaliex huma responsabilità kontinġenti fuq il-karti tal-bilanċ nazzjonali, għandhom jiġu awditjati taħt is-sorveljanza diretta tal-Qorti Nazzjonali tal-Awdituri jew entità suprema oħra tal-awditjar tal-Istati Membri;**

Or. en



**Emenda 112**

**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 22 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***22a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-funzjonijiet tal-kumitat tal-awditjar sabiex id-deċiżjoni finali tal-azzjonisti dwar il-ħatra tal-awdituri tkun ibbażata fuq il-proposta mill-kumitat tal-awditjar; huwa tal-fehma li din il-proposta għandha tinkludi deskrizzjoni tal-proċedura segwita, il-kriterji użati u r-raġunijiet sottostanti għar-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-awditjar;***

Or. es

**Emenda 113**

**Antonio López-Istúriz White, Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 22 b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***22b. Iqis li huwa importanti għall-Kummissjoni u l-korpi regolatorji ta' kull Stat Membru li jirrikonoxxu l-kwalità u l-esperjenza tad-ditti tal-awditjar kollha u jirrakkomandaw lill-entitajiet ta' interess pubbliku li jikkunsidraw b'mod attiv ditti tal-awditjar apparti l-erba' ditti l-kbar li jkollhom livell xieraq ta' għarfien u esperjenza, u li jinkluduhom fil-proċessi pubbliċi tagħhom ta' sejħiet għall-offerti;***

Or. es

**Emenda 114**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għall-armonizzazzjoni progressiva bħala mezz biex jitwaqqaf passaport Ewropew tal-awdituri;

*Emenda*

23. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għall-armonizzazzjoni progressiva bħala mezz biex jitwaqqaf passaport Ewropew tal-awdituri, ***li jqiegħed enfasi partikolari fuq dak kollu li jggarantixxi l-indipendenza tal-awditur;***

Or. es

**Emenda 115**  
**Klaus-Heiner Lehne**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. ***Ihegġegħ*** lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għall-armonizzazzjoni progressiva bħala mezz biex jitwaqqaf passaport Ewropew tal-awdituri;

*Emenda*

23. ***Huwa tal-fehma li l-awditjar huwa kruċjali għall-proċess ta' rivitalizzazzjoni tas-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina sa liema punt miżuri għall-faċilitazzjoni tal-forniment transkonfinali ta' servizzi ta' awditjar jistgħu jservu biex jeliminaw ostakli għall-aċċess għas-suq u l-konġestjoni tal-kapaċità; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina sa liema punt suq Ewropew għal servizzi ta' awditjar jista' jservi biex jitnaqqsu l-kumplessità u l-ispejjeż proċedurali għall-parteċipanti kollha tas-suq, b'mod partikolari għad-ditti tal-awditjar żgħar u ta' daqs medju; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi kollha xierqa biex tinkorpora fil-liġi tal-UE u tinforza standards internazzjonali tal-awditjar li jistgħu jgħinu biex ikunu stabbiliti kundizzjonijiet kompetittivi ġenwinament indaqs għad-ditti tal-awditjar; ifakkar lill-***

***Kummissjoni fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar ir-responsabilità tal-awditur; jistieden lill-Kummissjoni biex, b'dan l-isfond, tressaq proposti għall-armonizzazzjoni progressiva b'ħala mezz biex jitwaqqaf passaport Ewropew tal-awdituri;***

Or. de

**Emenda 116  
Sharon Bowles**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 23 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***23a. Jinnota li hemm ħafna aktar awdituri minn aġenziji li jikklassifikaw il-kreditu u li superviżjoni diretta minn Aġenzija Ewropea jkun kompitu akbar minn dak stabbilit għall-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu, madankollu proċess ta' awtorizzazzjoni fil-livell Ewropew jista' jkun vijabbli;***

Or. en

**Emenda 117  
Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Titolu 5 a (ġdid) wara l-paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***L-SMEs***

Or. en

**Emenda 118**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 23 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*23a. Peress li m'hemm l-ebda riskji sistemiċi għat-tnaqqis tar-rekwiżiti obbligatorji ta' verifika għall-kumpaniji mhux elenkati, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel il-verifiki għall-parti l-kbira tal-kumpaniji ta' daqs medju mhux elenakati volontarji. Dan iwassal għal tnaqqis kbir fil-piż fuq il-kumpaniji li huma l-magna għat- tkabbir tal-ekonomija Ewropea;*

Or. en

**Emenda 119**  
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 23 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*23a. Jitlob li l-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw mill-verifika jkunu proporzjonali għad-daqs tad-ditta, b'hekk l-SMEs jkunu jistgħu jwettqu attivitajiet ta' verifika sempliċi mingħajr ma l-kwalità jew il-kredibbiltà tagħhom jiddgħajfu;*

Or. it

**Emenda 120**  
**Syed Kamall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 24**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

24. Jitlob ***lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha favur konverġenza ikbar;***

*Emenda*

24. Jitlob ***lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn is-superviżuri nazzjonali tal-verifika permezz tal-formazzjoni ta' Kulleġġi ta' superviżuri nazzjonali;***

Or. en